MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2013

Numru. 1201/2013

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra :

Rahab Muhamed Samir ta’ 37 sena` bin Ahmed u Nedria nee` Mabrouka imwieled Zarurija fl-4 ta’ Frar 1977 minghajr indirizz fiss u dokumenti ta’ identifikazzjoni.

Talli;

fi 2 ta’ Dicembru 2013 f’Rahal Gdid mill-hanut ‘Sterling Jewellers’ sitwat fi Pjazza Antoine De Paule Rahal Gdid u/jew f’dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta’ costume jewellery, keychains u/jew oggetti ohra ghad-ditriment ta’ Joe Attard minn tas-Sliema u/jew persuni ohra liema serq hu aggravat bil-valur li ma jeccedix 2329.37 euro, lok, u bix-xorta tal-haga misruqa.

U aktar talli xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Istruttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi ghalhekk il-Qorti sethget tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat illi l-ewwel imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghat-tieni, u ghalhekk il-Qorti setghet tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha;

Rat illi r-res furtive kienet fil-pussess tal-Pulizija, u li din kienet ser tigi ritornata lid-derubati wara li tinghata s-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli 261 (c), (e), (g), 267, 269, 271 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il-Qorti m'ghandiex ghazla hlief li issib lill-istess imputat hati ta' l-akkuzi dettota kontra tieghu u

ghal daqstant qieghda tikkundannah ghall-piena ta’ sitt (6) xhur prigunerija sopiza ghal sena ai termini ta’ l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------